**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 53/2023**

**21 ta' Marzu 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**53.01 Talba**

53.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**53.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

53.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**53.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 52-23**

53.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 52-23 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati kif emendati bil-Viċi Sindku jipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda jissekonda.

**53.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.04.01 Is-Sindku irreferiet għall-applikazzjoni minn Santa Lucija FC sabiex isir żvilupp fl-*area* tal-*ground* preżenti u fl-akkwati. Hija qalet li personalment ma kienitx taqbel mal-proġett u elenkat ir-raġunijiet tagħha għal dan. Il-Viċi Sindku iddikjara li huwa kien oġġezzjona għall-proġett oriġinali però issa li kien hemm pjanti ġodda xtaq iktar żmien qabel jiddeċiedi. Il-Kunsilliera D'Amato infurmat li personalment tixtieq aktar informazzjoni dwar il-proġett kif ukoll li ssir konsultazzjoni mar-residenti. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li ssir laqgħa fejn fuq l-Aġenda jkun hemm biss dan is-suġġett sabiex ma jkunx hemm restrizzjonijiet dwar kemm wieħed ser idum biex jiddiskuti dan is-suġġett. Fil-5.55 pm daħal il-Kunsillier Ellul fejn ukoll iddikjara li kien favur li d-deċiżjoni finali tittieħed meta l-Kunsill ikollu aktar informazzjoni dwar dan l-iżvilupp.

Is-Sindku nfurmat li iktar tard din il-ġimgħa kien ser ikun hemm laqgħa preliminari mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar is-suġġett filwaqt li l-ġimgħa d-dieħla kien ser ikun hemm Bord tal-istess Awtorità fejn il-Kunsill kellu vot u għalhekk jekk ser issir konsultazzjoni mar-residenti eċċ, dan ried isir qabel il-Ħamis tal-ġimgħa d-dieħla. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li nitolbu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara rapport dwar dan l-iżvilupp fejn jinkludi parir oġġettiv kif ukoll jelenka l-punti favur u kontra l-istess żvilupp sabiex dawn jiġu diskussi waqt laqgħa b'urġenza tal-Kunsill li ser issir nhar is-Sibt 25 ta'Marzu fit-8:30 am. Ġie deċiż ukoll li ssir Laqgħa ta' Konsultazzjoni mar-residenti ġewwa l-Ġnien tas-Serenita' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu fil-5:00 pm.

***Il-Viċi Sindku ħalla l-laqgħa fis-6:00 pm minħabba mpenji personali.***

53.04.02 Is-Sindku nfurmat li kif kien ġie diskuss u approvat f'laqgħa preċedenti, l-Perit tal-Kunsill kienet għamlet pjanti preliminari tal-iżvilupp propost (*basement* u 2 sulari). Kien hemm qbil li kopja ta' dawn il-pjanti għandhom jintbagħatu lill-Kunsilliera sabiex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu l-kummenti tagħhom. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiċċekkja jekk hux possibbli li l-jinbena fuq il-bini li preżentement qed tintuża mill-Kummissarju għat-Tfal Issemmiet ukoll il-binja tal-Għassa tal-Pulizija però s-Sindku nfurmat li meta saret talba f'dan is-sens, konna ġejna nfurmati li mhux possibbli.

53.04.03 Is-Sindku nfurmat li kif approvat konna applikajna sabiex isir żvilupp fi Triq il-Freżja taħt l-iskema ta' *Project Green* u l-parti li kienet ġiet ssuġġerita li tiżdied mal-proġett kienet żdiedet.

53.04.04 Is-Sindku irreferiet għal korrispondenza li konna rċivejna rigward il-programm REBUILD li ser isir ġewwa l-Ungerija bejn it-30 ta' Marzu u t-3 ta' April fejn il-Kunsilliera D'Amato uriet interess li tattendi pero' kienet għadha mhux ċerta mija fil-mija.

53.04.05 Is-Sindku nfurmat li r-Regjun Nofsinhar kien talab il-permess tal-Kunsill sabiex fit-22 ta' April issir serata kulturali ġewwa l-Ġnien tas-Serenita'. L-Kunsill approva unanimament din it-talba.

53.04.06 Is-Sindku qalet li konna qed nirċievu numru ta' lmenti dwar skart li qed jitħalla fi ġranet u ħinijiet mhux skont l-iskeda fi Triq il-Liedna. Ġie approvat li s-CCTV li preżentement qiegħda tagħti fuq Triq Begonja, titressaq għal fuq Triq il-Liedna.

53.04.07 Talba mis-St. Gabriel Fireworks ta' Hal Tarxien sabiex fl-okkazjoni tal-festa jaħarqu n-nar mill-*area* magħrufa bħala l-Isqajjaq t'Isfel. Il-Kunsill filwaqt li fil-prinċipju ma jsibx oġġezzjoni, iddikjara li huwa mportanti li jiddieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex il-propjetà u r-residenti ġewwa Santa Lucija jkunu protetti. Għandha ssir talba sabiex il-Pulizija jiżguraw li jkun jinżammu d-distanzi kollha skont il-liġi waqt dan il-ħruq tan-nar.

53.04.08 Talba mingħand il-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira u l-Irxoxt ta' Raħal Ġdid sabiex bħal kull sena jaqtgħu friegħi taż-żebbuġ għal waqt il-Ġimgħa l-Kbira. L-Kunsill approva din it-talba.

53.04.09 Is-Sindku issuġġeriet li jibdew il-preparamenti għal Jum Santa Luċija 2023 billi jinħarġu l-applikazzjonijiet għan-nomini ta' Ġieh Santa Luċija u r-residenti jingħataw xahar żmien sabiex iressqu n-nomini tagħhom. Dan ġie approvat.

53.04.10 Is-Sindku nfurmat li r-Reġjun Nofsinhar kien qed iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu sabiex jorganizzaw trasport fl-okkażjoni ta' Jum San Girgor li ser ikun rifuż mill-istess Reġjun. Il-Kunsill qabel.

53.04.11 Is-Sindku nfurmat li l-perit kien beda l-proċess sabiex issir id-DNO sabiex issir ir-rampa quddiem Flats Indipendenza fi Triq Maria De Domenici però inizjalment kienet intużat il-formola l-ħażina. Is-SE għandu jżomm kuntatt mal-Perit sabiex nikkonkludu kemm jista' malajr.

53.04.12 Is-Sindku nfurmat li kif approvat fl-aħħar laqgħa, l-Kunsill kien ser iressaq l-applikazzjoni tiegħu sabiex il-latrina Pubblika li hemm viċin il-*ground* issir *automated* taħt l-iskema KRN/01/2023. Kien hemm qbil li Kunsill jagħmel tajjeb għad-differenza li jista' jkun hemm bejn l-ammont allokat u l-ispiża totali. Dan ġie approvat unanimament.

**53.05** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

53.05.01 Il-Viċi Sindku kien bagħat *email* jissuġġerixxi li *parking bay* fi Triq Maria De Domenicis titkabbar peress li hemm resident li kellu SUV u allegatament il-vettura tiegħu ma kienitx toqgħod ġol-*parking bays* eżistenti. Ġie deċiż li dan is-suġġeriment ma jiġix approvat peress li fil-fehma tal-Kunsill, il-*parking bays* eżistenti jistgħu jakkomodaw il-vettura msemmija.

53.05.02 Il-Kunsillier Sciberras staqsa liema kienu l-proġetti li l-Kunsill kien ippropona taħt l-iskema *Project Green*. Is-Sindku nfurmat li kif diġà ssemma aktar il-fuq, il-Kunsill kien applika għal Triq il-Freżja.

53.05.03 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex il-*ground* tal-5-a-side mhux qed jinfetaħ is-Sibt b'ħinijiet itwal u minflok qed jinfetaħ matul il-ġimgħa fil-għodu. Kien hemm qbil li ħinijiet tal-ftuħ għandhom jiżdiedu u għalhekk meta l-Kunsill jiddeċiedi l-ħinijiet li jixtieq li l-*ground* jibda jinfetaħ, għandna nkellmu lil min jieħu ħsieb jiftaħ u jagħlaq il-*ground* sabiex naraw jekk ikunx jista' skont il-ħinijiet il-ġodda. Kien hemm qbil ukoll li fost il-ġimgħa, fil-għodu l-*ground* jinfetaħ u jingħalaq mill-ħaddiema tal-Kunsill.

53.05.04 Il-Kunsillier Sciberras ikkummenta dwar sewqan b'veloċità eċċessiva fi Vjal l-Oleandri fejn la jeżistu *Stop Signs* u lanqas *Speed Limit*. Huwa qal li għalkemm f'Settembru 2022 kien imwiegħed li ser isiru xi xogħlijiet f'dan is-sens, sa llum għadu ma sar xejn. Is-Sindku nfurmat li hemm applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex isiru *Speed Humps*.

53.05.05 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta minn storbju mill-vetturi li jkunu għaddejjin mit-Triq tal-Barrani u issuġġerixxa li ssir talba għal *plastic barriers* bħal ma hemm fil-*Kappara Junction*. Is-Sindku nfurmat li din it-talba kienet diġà saret però ma kienitx ġiet approvata minn IM/TM.

53.05.06 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jiżdiedu s-sinjali li jindikaw li hemm qtates fl-akkwati fi Triq Bruka, Triq Ġuljetta Lopez, Dawret it-Torri u l-*Jogging Track*. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

53.05.07 Il-Kunsillier Sciberras għamel numru ta' mistoqsijiet dwar l-iżvilupp li kien propost fi Triq il-Ġibjun taħt l-applikazzjoni PA1432/20 :

a) Għaliex f'post fuq *Facebook* ktibt li 'tilqa' b sodisfazzjoni is-sentenza mogħtija mill-Prim Imħallef Mark Chetcuti...' fis-sentenza datata 15/3/23 re PA 1432/20 meta anke l-avukat tal-applikant semma lill-Viċi Sindku u mniżżel fil-minuti li huwa favur dan il proġett?
b) Qatt kellimtu lill-Viċi Sindku biex tara' għal liema raġuni qed jaħdem kontra ir-raħal u dawk ir-residenti li tellawħ?
c) Tkellimt favur ir-raħal mingħajr ma ħarist lejn wiċċ ħadt Sinjura Sindku?
d) Tiċħad jekk (u inkluż b'ommissjoni li ma qbistx għal ambjent f' dawn l aħħar 3 snin) qatt tkellimt favur l iżviluppatur?
e) Kemm il-oġġezzjoni saret mill Kunsill tramite l-każ PA 1432/20? Tista' tikkonfermali minn talab li jagħmel oġġezzjoni f kull stadju ta din is saga?
f) Tista' tikkonfermali min daħal għan nom tal Kunsill f kull seduta quddiem il *Planning Authority*, l-EPRT u l Qorti fil-każ Charles Falzon vs. Awtorità tal-Ippjanar (PA 1432/20)?
g) Tista' tikkonfermali jekk qattx, fil-kapaċità tiegħek bħala Sindku tlabtni nagħti rendikont dwar ix xogħol li beda jsir fit tribunali u l qrati għal ġid komuni tar raħal fil-każ Charles Falzon vs. Awtorità tal-Ippjanar (PA 1432/20)?

Fir-risposta tagħha s-Sindku wieġbet li bħala Sindku kienet laqgħet it-talba sabiex issir laqgħa b'urġenza u l-Kunsill kien iddeċieda b' 4 voti kontra 1 li għandna nkellmu lil Perit sabiex noġġezzjonaw fuq l-irregolaritajiet partikularment fuq l-għoli. Rigward il-presenza tal-Kunsill quddiem il-Qorti s-Sindku nfurmat li ma kienitx infurmata li hemm dan il-każ u fil-każijiet l-oħra ma tiftakarx. Rigward il-pożizzjoni tal-Viċi Sindku dwar il-każ, hija qalet li f'dan il-każ il-Viċi Sindku kien qed jaġixxi fil-kapaċità' tiegħu personali u mhux f'isem il-Kunsill.

Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Sciberras, kien hemm qbil li s-SE jibda jinforma lill-Kunsill b'kull applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar li jirrigwarda Santa Luċija.

***Il-Kunsillier Ellul ħalla l-laqgħa fis-7:17 pm minħabba mpenji personali.***

**53.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

53.06.01 Minħabba li l-Kunsillier Sciberras kien ser iħalli l-laqgħa minħabba mpenji oħra, ġie deċiż li dan l-*item* ma' jiġix diskuss.

**53.07 Skemi 2023/ 2024**

53.07.01 Minħabba r-restrizzjonijiet tal-ħin, ġiet diskussa li Skema SPI/SCI/01/2023 fejn ġie deċiż li l-Kunsill jorganizza Kunċert bħal-tas-sena l-oħra. Kien hemm qbil ukoll li napplikaw għall-*Clean Up The World 2023* (SPI/SCI/03/2023) kif ukoll għall-iskema dwar il-Manutenzjoni tal-Libreriji (SPI/SCI/02/2023). Kien hemm qbil li bħas-soltu, l-Kunsill huwa lest li jagħmel tajjeb għall-persentaġġ li jrid jinħareġ mill-Kunsill jekk kemm il-darba l-applikazzjonijiet tagħna jiġu aċċettati.

**53.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 53/23**

53.08.01 L-iskeda ta' Pagamenti 53/23 ġiet approvata unanimament.

**53.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

53.09.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:35 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 24 ta' April 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 24 ta' April 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |